MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 43**

**It-Tnejn, 29 ta' Awwissu 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 29 ta' Awwissu 2022, fil-3:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathon Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**43.1 Talba**

43.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-3:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**43.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

43.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**43.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numri 40, 41 u 42.**

43.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numri 40, 41 u 42 li ġew ppreparati mid-deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Miriam Attard u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.





S.Borg

43.4.11 Inġabru t-travi l-qodma li kien hemm fil-Għajn ta' Bendu li għadhom fi stat tajjeb minbarra dak li waqa li peress li l-ilma għerraq ir-ras tiegħu. Dawn tpoġġew fil-garaxx tal-Kunsill. Is-Sindku nforma l-membri li x-xogħol ta' restawr għadu sejjer u li baqa jsir kien biss il-membrane;

43.4.12 Kien ġie emendat l-kuntratt tal-iskrivan biex b'hekk ġie ta' 4 siegħat fil-ġimgħa nhar ta' Sibt. Is-Sindku nforma l-membri li fuq parir mid-dipartiment tal-Kunsilli, l-istess kuntratt ma kienx validu minħabba li kien iffirmat biss mis-Sindku meta kellu jkun iffirmat wkoll mis-Segretarju Eżekuttiv;

43.4.13 Sar bukkett fjuri fl-okkazzjoni tas-Salvatur kif ukoll bukkett ieħor li ngħata llum qabel bdiet il-laqgħa lis-Sinjorina Julia Farrugia li qed tikkontesta fil-konkors – '*Ms. Teen Top Model of the Mediterranean 2022.*' Is-Sinjorina Farrugia resqet talba ta' sponsorship lill-Kunsill imma fuq direzzjoni li l-Kunsill ħa mid-Dipartiment, mingħand id-Direttur Galea, ġejna nfurmati li l-Kunsill ma jistax jagħmel dawn it-tip ta' donazzjonijiet;

43.4.14 Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa għall-anzjani f'Għawdex fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru, peress li se taħbat il-ġimgħa tal-anzjani. Jekk tirnexxi jipproponi li ssir ħarġa kull xahar;

43.4.15 Is-Sindku talab li tinġibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur dwar *bins* li qed jitħallew miftuħin minnhom. Talab li għandhom jiġu nfurmati bil-miktub u jekk hemm minnhom li għandhom bżonn xi tiswijiet nieħdu ħsieb li jsiru;

43.4.16 Saret laqgħa mal-Onorevoli Alison Żerafa Ċivelli, s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali flimkien mas-Segretarju Permanenti, s-Sinjura Joyce Dimech. Is-Sindku semma diversi temi fosthom is-sitwazzjoni dwar il-fond numru 189,190 li ġie mgħoddi lil-Kunsill b'kuntratt iffirmat mall-Awtorita tal-Artijiet peress li kien għadu ma sarx l-iżgumbrament mill-Awtorita tal-Ippjanar. Ġie diskuss ukoll il-bżonn ta' restawr taż-żewġ statwi ta' Ġiovanni Gafa' ta' San Pietru u San Pawl li saru fl-1695 u li sa mitt sena ilu kienu fil-Kor ta' San Ġorġ u issa jinsabu fuq il-knisja. L-għada ta' din il-laqgħa s-Segretarju Permanenti nfurmatna li d-dipartiment lest li joffri s-servizz tal-perit u għalhekk l-kunsill kiteb lill-Kappillan fejn infurmajnih b'dan. Il-Kurja wieġbet li xtaqet tkun taf min se jkun qed ikopri l-ħlasijiet tal-pariri professjonali kif ukoll tax-xogħol ta' restawr. Is-Sindku ppropona li ġaladarba l-ispejjeż tal-perit se jiġu koperti mid-dipartiment, il-Kunsill jħallas għal-ispiża tar-restawr. Kien hemm qbil unamimu dwar dan;

43.4.17 Qabel il-festa sar il-patching fi Triq il-Għajn fuq talba tal-Kunsill lid-Direttur Generali S-Sinjura Vicky Xuereb;

43.4.18 Wara għoxrin sena hemm bżonn li jsir manutenzjoni tal-ħitan fi Triq John Gaspard le Merchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Kien hemm qbil sabiex dan isir.

**43.5 Aġġornament dwar il-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq ta' Mulejja għall-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku.**

43.5.1 L-offerta ngħalqet u ġie mwaqqaf il-bord ta' evalwazzjoni għal din l-offerta. Is-sindku ppropona lill-Perit John Saliba li diġà kien kellmu u lill-William Sultana. Ir-rappreżentanti tal-Kunsill ikunu s-Sindku u l-Kunsillier Jonathan Cefai. Is-Sindku informa l-membri li madwar għaxart'ijiem qabel kellem lis-Sinjura Catherine Fenech, liaison officer bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Kunsilli Lokali, fejn staqsieha x'sar dwar l-iżgumbrament li għadu ma sarx. Hija wieġbet li kienet tat istruzzjonijiet biex jiġi żgumbrat. Sa issa għadu ma sar xejn. Għalhekk is-sindku ppropona li nkellmu lill-avukat Dr. Chris Said sabiex jikteb lis-Sur Martin Bajada uffiċjal responsabbli mill-iżgumbrara fl-Awtorita tal-Artijiet sabiex isir l-iżgumbrament u jekk dan ma jsirx jittieħdu passi legali. Il-Kunsillier Horace Mercieca ppropona li dejjem jekk hu possibli nfittxuh għall-kera. Dwar dan is-sindku qal li xhur ilu kien ħa parir verbali mingħand l-avukat Dr John Paul Grech, li kien responsabbli minn din il-kawża, fejn infurmah li jekk il-kunsill jitlob il-kera jkun qed jirrikonoxxi lill-persuna li qed tokkupa l-post illegalment. Il-Kunsill qabel unanimament li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex ix-xogħol jkun jista jibda. Il-membri ġew ukoll nfurmati li wara li ltqajna mal-Inġinier tal-Enemalta, l-kunsill se jkun qed idaħħal l-applikazzjoni tal-ARMS sabiex isir id-devjazzjoni tal-linji tad-dawl li jinsabu mal-istess fond. Qed jiġi hawn meħmuż kopja tal-kuntratt li ġie ffirmat bejn l-Awtorita tal-Artijiet u l-Kunsill datat 4 ta' Novembru 2021, mmarkat bħala Dokument A.

**43.6 Attrezzar għas-sala tal-Komunita'**

43.6.1 Is-Sindku semma l-problema sabiex issir komunikazzjoni mall-Perit Gordon Vella għaliex sal-lum għadu ma ppreżentax l-BOQ għall-proġett tal-playingfield u qegħdin nissugraw li nitilfu l-fondi minħabba li l-LESA qed jistaqsu f'hiex wasal dan il-proġett dan meta għadna lanqas biss ħriġna l-offerta minkejja li l-letter of commitment inħarġet fit-28 ta' Jannar 2022. Is-Sindku rrimarka li jekk ma jippreżenthomx fi żmien xahar jkun hemm bżonn li nagħmlu *'change of architect.'* Kien hemm il-BOQ li bihom applikajna sabiex ingħatajna l-fondi ta' €85,000 u naraw jekk nistgħux nużaw dawn. Is-Segretarja semmiet li bagħtet diversi imejls lill-Perit Gordon Vella dwar dan;

43.6.2 Is-sindku ppropona li nixtru *podium* għas-sala tal-Kommunita biex ikun għandna sa Jum il-Fontana;

43.6.3 Hemm bżonn li jsiru l-koxox ġodda tal-bieb għad-dħul tat-toilets minħabba li l-injam ittiekel mit-termites. Se nieħdu ħsieb li nġibu stima mingħand mastrudaxxa biex isir dan ix-xogħol. Il-membri qablu wkoll li jkun tajjeb jekk inġibu lill-tal-Pest Control sabiex jinqerdu dawn it-termites. Issemma wkoll il-bżonn li jiġi rranġat parti mill-madum tal-ħajt tat-toilets għaliex qed jinqala' kollu. Is-Sindku semma li se jkellem lil wieħed Olandiż li jagħmel f'dan il-qasam sabiex naraw jistax jagħmel dan ix-xogħol. Il-membri qablu unanimament li x-xogħol hawn imsemmi jsir.

## 43.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti

43.7.1 L-offerta tal-fanali ingħalqet u kellna offerta waħda mingħand Calleja Ltd bi prezz ta' €11,222. Dan l-ammont jissupera il-limitu ta' equotation u għalhekk is-sejħa għall-offerti trid terġa toħroġ.

43.7.2 L-offerta tat-twaqqiħ tal-fond numru 189/190 Triq il-Għajn għalqet u kien hemm żewġ offerti. L-istimi mitfugħa kienu mingħand:

Noel Grima - €71,407
Little Rock Quarry Ltd - €52557.46

Il-bord tal-għażla għandu jiġi kompost mill-Kunsillier Jonathon Cefai, s-Sindku flimkien mal-Perit John Saliba bħala evalwaturi flimkien mas-Sur William Sultana bħala Chairperson u s-Segretarja Heidi Grech.

43.7.3 Is-sejħa għax-xiri tal-electric van se terġa toħroġ u fin-nuqqas ta' offerti nimxu sabiex nitolbu l-approvazzjoni tal-Ministru għall-akkwist bħala *direct order*.

## 43.8 Sitwazzjoni tat-tiswija tal-bejt tal-Għajn ta' Bendu

43.8.1 Ix-xogħol kważi lest u meta jitlesta nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil-Ministeru għal Għawdex.

## 43.9 Kwotazzjonijiet għall-akkwist ta' printer u stationer għall-uffiċċju

43.9.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li bħalissa qegħdin mingħajr printer u għalhekk ppreżentat tlett kwotazzjonijiet għal printer domestika u li mhix heavy duty biex ma nidħlux fi spejjeż kbar ta' waħda industrijali. Is-segretarja spjegat li għalkemm kien ikun aħjar kieku tinxtara waħda li tipprintja l-A3, id-differenza fil-prezz bejn waħda A4 u A3 li kienet minn €495 għal €1400 kienet qabża kbira ġaladarba l-lifespan tagħhom tiqa l-istess. Għalhekk s-Segretarja spjegat li jkun aħjar jekk tinxtara tal-A4 pero mhux se jkollha lifespan twila minħabba l-volum ta' karti li jiġu pprintjati u għalhekk din tista sservi sena jew forsi tnejn l-aktar. Il-membri qablu li tinxtara l-printer Epson mingħand l-Islandtech għall-prezz ta' €495. Is-Segretarja ppreżentat ukoll kwotazzjonijiet sabiex jinxtara xi stationary u A4 Paper għall-użu tal-uffiċċju. Il-membri qablu li għandu jinxtara dak li hemm bżonn għall-uffiċċju.

### 43.10 Bye-Law għas-Sala tal-Komunita'

43.10.1 Is-Sindku rrimarka li l-Uffiċċju Elettorali qed jirrifjuta li jħallas €500 għall-użu tas-sala, dan meta ntużat għal żmien ġimgħa fl-elezzjoni f'ġenerali. Tajjeb li nsemmu li dan wara li kien diġa sar il-qbil li se jħallsu. Wara nfurmawna li mhux se jħallsu għaliex il-Kunsill ma kellux bye-law. Is-sindku rrimarka u l-membru qablu li l-elezzjonijiet u referendi fis-Sala tal-Kunsill Lokali ilhom isiru mill-2019 u sa issa dejjem tħallas il-ħlas dovut. Il-membri qablu unanimament li għandha ssir bye-law għall-użu tas-Sala tal-Kommunita.

Is-Sindku semma u l-membri qablu dwar diversi punti li ġew diskussi bħar-responsabilta' għad-danni, d-depożitu, l-ħlas għal kull ġurnata, l-eżenzzjonijiet u aktar. Il-membri qablu li l-kirja għandha tibqa għall-ħlas ta' mitt (100) ewro kuljum filwaqt li d-depożitu għandu jkun ta' mija u ħamsin (150)Ewro. Meta

l-applikazzjonijiet jkunu għall-użu edukattiv jew sportiv li jkunu bbażati fuq tul ta' ġranet, l-miżata għall-użu tas-sala għanda tkun għall-ħamsa u għoxrin (25)Ewro kuljum. Il-kunsill qabel ukoll li għandhu jibqagħlu d-dritt għad-deskrezzjoni tiegħu li jiddeċiedi hu jekk jkun irid li joffri l-użu tas-sala mingħajr ħlas lil xi applikant.

## 43.11 Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-bdil tal-firmatarji tas-servizzi bankarji

43.11.1 Il-kunsill ressaq u approva riżoluzzjoni dwar il-bdil tal-firmatarji tas-servizzi bankarji a favur tas-Segretarja l-ġdida s-Sinj. Heidi Grech.

## 43.12 Sportsfest

43.12.1 Il-Kappillan għarraf il-Kunsill li l-isportsfest kienet se ssir mill-1 ta' Settembru sat-3 ta' Settembru u ressaq ukoll it-talba għall-kunsiderazzjoni tal-kunsill sabiex jiġu sponsorjati t-trophies u l-medalji għal din is-sena. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li l-kunsill jħallas l-ispejjeż għall-akkwist tat-trophies għall-isportsfest sa massimu ta' €300.

Is-Segretarja nfurmat wkoll lill-membri li l-Kappillan qed jistieden lis-Sindku, l-Viċi Sindku, l-kunsilliera u s-Segretarja sabiex jattendu għall-barbecue li ser issir fil-ġurnata finali ta' din l-attività. Is-Sindku qal li għandna nirringrazzjaw lill-Kappillan għal din l-istedina. Wara konsultazzjoni bejn il-membri ġie deċiż li kienet tista' tattendi biss il-Viċi Sindku għal din l-attività. Mill-band l-oħra s-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef qalu li se jattendu għat-tqassim tat-trophies.

## 43.13 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

43.13.1 Is-Sindku ppropona li ssir statwa tal-Qalb ta' Ġesu' żgħira biex tkun merfgħuha mit-tfal fl-okkażjoni ta' Festa Tfal li ssir tal-kull sena f'Ġunju, jekk ikun hemm qbil mill-parroċċa. Kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha li din issir mill-istatwarju Micahel Cutajar Zahra. Is-sindku qal li se jikkuntattjah biex ningħataw stima għal-laqgħa li jmiss;

43.13.2 Is-Segretarja ppreżentat it-tweġiba għall-Management letter u din ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarja wara li ġiet approvata mill-kunsill;

43.13.3 Is-Segretarja ppreżentat l-ilmenti li rċieva l-kunsill.

- Ilment mingħand resident dwar il-ħmieġ tal-klieb fi Trejqet bieb il-Għajn u talbet li jitwaħħlu l-cameras mill-Kunsill. Is-sindku semma li propjament is-sit inkines jumejn qabel.
- Ilment mingħand resident fejn semma li fi Triq Kardinal Alessandro Franchi hemm għalqa li qed tintuża bħala dumping site. Il-Kunsill semma li din hija għalqa privata.
- Irċevejna mingħand resident fejn talab sabiex ssir tabella li tindika li l-ilma mhux tajjeb għax-xorb ma l-Għajn tal-Hasselin. Talab ukoll li ssir sleeping police fi Triq il-Għajn. Il-Kunsill ma hux l-Awtorita kompetenti sabiex tgħid jekk l-ilma hux tajjeb għax-xorb jew le. Dwar Sleeping Police din il-proposta hija fi Triq Arterjali għalhekk ma jingħatax il-permess meħtieġ.

- Irċevejna lment ieħor mingħand residenta li qed tilmenta dwar ir-ramel abjad li kien intefa' fi Triq l-Isqof Buttigieg biex isir il-pageant tal-Ġimgħa l-kbira 2021. Semmiet li qed joħloq inkonvenjenza lill-familja tagħha u qed titlob li l-kunsill jsib soluzzjoni sabiex jitneħħa.

43.13.4 Is-Segretarja ressqet l-imejl li rċeviet mill-Għaqda Armar fejn qed iressqu t-talba sabiex jiltaqgħu mall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jiltaqgħa magħhom pero l-Kunsill għandu jitlobhom jibgħatu l-aġenda għall-din il-laqgħa.

43.13.5 Is-Segretarja ressqet l-imejl li rċevejna mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana fejn infurmawna li se terġa tiġi organizzata l-Wine Festival. Huma kienu qed iressqu t-talba għall-ispejjeż tat-tazzi li jammontaw għal madwar €650 u jkopru 350 tazza. Talbu wkoll li l-festival jsir fi Triq il-Għajn quddiem il-knisja parrokkjali jew fi Triq ta' Mulejja quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku semma li ma jistgħux joħorġu flus għaliex il-Kunsill għandu ħafna spejjeż, fosthom l-ispejjeż għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl kif ukoll biex issir l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu.' Żied jghid li ma jaqbilx li t-triq tingħalaq mid-9:00 ta' filgħodu għax se jsallbu lin-nies ta' Triq il-Għajn 'l isfel mill-knisja sa' Pjazza l-Għejjun, parti minn Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq ta' Mulejja u Triq Għajn Tuta però jaqbel li ssir fi triq ta' Mulejja. Il-viċi Sindku ssuġġeriet li għandha tingħata mqar donazzjoni żgħira. Is-Sindku żied jgħid li dawn ħarġu r-reklam qabel ma biss kellhom permess mill-Kunsill u dan qed isir hekk kull sena. Barra minn hekk din l-attività qed tiġi sponsorjata mid-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier Horace Micallef semma li ilhom li bagħtulna minn Ġunju kif ukoll li tlett snin ilu l-kunsill ma kienx qabel li ssir fi Triq ta' Mulejja. Is-Sindku qal li hemm toroq alternattivi fejn tista ssir bħal fi Triq Għajn Tuta jew Pjazza l-Għejjun. Żied jgħid li hu assolutament ma jaqbilx li r-residenti msemmija qabel ikollhom jgħaddu jew min-taħt l-Andar li hija dejqa ħafna jew inkella mnejn it-Torri tax-Xlendi għal Ras il-Bajada fil-Munxar, tul ta' erba' mili, biex joħorġu mill-Fontana u jmorru r-Rabat. Għalhekk huwa sostna li għandu jittieħed vot. Minħabba li ma kienx hemm qbil ittieħed vot dwar jekk jaqblu jew ma jaqblux li jingħata permess li tingħalaq triq il-Għajn mid-9a.m sa nofs il-lejl. Is-Sindku kif ukoll l-Kunsillier Carmel Farruġia ivvutaw li ma jaqblux li tingħalaq Triq il-Għajn filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri kif ukoll l-Kunsillier Horace Micallef u l-Kunsillier Jonathon Cefai iffuvataw favur li tingħalaq it-triq. Bi tlett voti kontra tnejn, għaddiet biex il-permess jingħata sabiex tingħalaq triq il-Għajn mid-9:00a.m sa nofs il-lejl.

43.13.6 Issemma l-punt li l-istreaming on demand mhux jaħdem u la mhux jaħdem ma għandux jitħallas. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se tkun qed tiċċekja l-kuntratti eżistenti.

43.13.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Kommunitajiet isbaħ u anka b'saħħithom. Is-Sindku ppropona u l-membri qablu li għandna napplikaw għal din l-iskema sabiex b'dawn il-fondi jsir il-Porfido ta' taħt it-railings fi Triq il-Għajn li hija *Urban Conservation Area* li jibda mill-kantunieri bejn Triq il-Għajn u tarf it-Triq Isptar San Ġiljan sa l-aħħar parti ta' Triq Wied Siekel. L-iskema tagħlaq fl-14 ta' Ottubru 2022.

43.13.8 *Il-Kunsillier Jonathon Cefai talab li jiġi skużat mil-laqgħa u ħareġ mil-laqgħa fl-16.30p.m.*

43.13.9 Ittra mingħand Ivan Gaffiero fejn nfurmana dwar kontestanta mir-raħal tagħna li qed tippartećipa f' Miss Teen Top Model of the Mediterranean 2022.

43.13.10 Skema għall-Kunsilli Lokali għal-Lokalitajiet aktar sostennibli maħruġa mill-Ministru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża. L-iskema tagħlaq fit-23ta' Settembru.

43.13.11 Stedina mall-Aġenżija Zgħażagħ għall-Stakeholders Conference li se ssir fil-15 ta' Settembru 2022.

43.13.12 Stedina lis-Sindku mingħand is-Sur Joseph Zammit sabiex jattendi għall-Seduta Parlamentari li se tiġi mtella mill-KNA bit-titlu 'Id-Drittijiet tal-Anzjani u l-Abbuż.'

43.13.13 Ċirkulari AKL 2022/076 – Launch of European Mobility Week 2022 – Better Connections – Competitions

43.13.14 Imejl mill-Gozo Regional Committee s-Sur Francesco Grech. S-Sur Grech qed jifformula lista ta' artisti Għawdxin jew anka barranin li huma residenti Għawdex biex jkun lista aġġornata bl-artisti kollha li għandna Għawdex. Is-Sindku rrimarka li għamilna avviż fuq il-facebook lir-residenti tal-Fontana.

43.13.15 Ċirkulari SPI/SC1/08/22 – Finanzjament Milied 2022 li tagħlaq fit-30ta' Awwissu 2022.

43.13.16 Irċevejna mill-Active Ageing Unit-Programm ta' Attivitajiet għall-Anzjani.

43.13.17 Energy and water efficiency scheme for Voluntary Organisations.

43.13.18 Irċevejna tfakkira dwar l-applikazzjoni għall-Fond ta' Aġġustamanet għas-sena 2022. Is-Sindku semma li forsi napplikaw għall-fondi sabiex jagħmlu tajjeb għall-arretrati li jridu jitħallsu lis-Segretarju Eżekuttiv. Dan minħabba li għal kunsill żgħir dan l-ammont dovut huwa ħafna.

43.13.19 Irċevejna mill-ERA dwar regolamenti li japplikaw meta jkunu se jsiru attivitajiet f'żoni ta' Natura 2000.

43.13.20 Ċirkulari SPI/SC1/7/2022 - Espressjoni ta' nteress – World Clean Up the World Campaign 2022 liema skema għalqet fit-12ta' Awwissu.

43.13.21 Irċevejna mid-Dipartiment – Kopja ta' *Memorandum of Understanding* li sar bejn id-Dipartiment, National Heritage u l-MTA. Permess ta' dan il-ftehim, l-kunsill jibbenifika f''white label ticketing platform' li tipprovdi sistema effiċjenti u prattika ta' qtugħ ta' biljetti meta jiġu organizzati attivitajiet.

43.13.22 Il-laqgħa tar-Reġjun se ssir fid-9ta' Settembru. Inbidel is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u minflok s-Sur George Refalo hemm Aġent Segretarju s-Sur Karl Vella.

43.13.23 Ċirkulari numru AKL2022/072 – *European Week of Regions & Cities – Brussels October 2022.*

43.13.24 Irċevejna imejl mill-LGBT1 Plus Gozo fejn qed jistiednu żewġ repreżentattivi biex jipparteċipaw fil-mixja tagħhom li se ssir Għawdex fit-28ta' Awwissu

43.13.25 Is-Segretarja semmiet li ġo l-uffiċċju ma sarx point ta' WIFI4EU u wifi fl-uffiċċju ma jaħdimx. Wara li kkonsultat mal-fornitur ġejna nfurmati li ġaladarba ma sarx mal-points l-oħra nkunu rridu nħallsu l-ispejjeż relatati mat-transport u nstallazjoni biex dan isir. Dan l-ammont jammonta għal xi madwar 130 Ewro. Il-Kunsillier Horace Micallef ssuġġerixxa li nipprovaw b'internet *extender* u jekk dan ma jaħdimx imbagħad jsir il-point li hemm bżonn. Kien hemm qbil unanimu.

43.13.26 Irċvejna mingħand l-Onorevoli Ministru Miriam Dalli – '*Guidelines on Efficient Energy use.*'

43.13.27 Is-Segretarja semmiet li se titpoġġa Cat house li saru mill-Animal Welfare fi ħdan il- Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku ssuġġerixxa li titpoġġa taħt ir-railings, ħdejn it-taraġ u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

43.13.28 Ġie ppreżentat l-kuntratt li ġie ffirmat mal-Wasteserv – '*Collection of Household Organic Waste 2022.*'

43.13.29 Imejl mingħand is-Sinjura Jennifer Xuereb, s-Segretarja ta' *The Marigold Foundation* fejn qed tistieden lill-Kunsill sabiex jipparteċipa billi jixgħel xi landmark bid-dawl Roża matul ix-xahar ta' Ottubru. Is-Sindku semma li nixgħelu bħas-soltu l-Għejjun li hemm fil-pjazzza l-Għejjun.

43.13.30 Imejl mingħand is-Sur Franceso Grech, l-uffiċċċjal tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun t'Għawdex. Infurmana li hemm il-ħsieb li s-sena d-dieħla jsir festival Mediterranju tal-litteratura ġewwa Għawdex. Festival b'taħlita ta' awturi lokali u nternazzjonali. Jixtieq jkun jaf liema kunsilli lokali jixtiequ jidħlu għall-proġetti f'kollaborazzjoni ma' Inizjamed.

43.13.31 Imejl mid-Dipartiment dwar Travel Grants – ESF 04.079 – Regional Cultural Stratagies fejn l-applikazzjonijiet jagħlqu fit-30 ta' Settembru 2022.

43.13.32 Tlabna lid-Direttur għall-estenzjoni tal-proġett ta' refurbishing tal-Playing field u d-Direttur laqa t-talba tagħna. Ingħatajna estenzjoni għall-implimentazzjoni tal-proġett sa Settembru 2023.

43.13.33 Irċevejna mingħand l-Uffiċċjal tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Għawdex dwar – Women 4IT project & Training programmes li jwassal għal-ċertifikat f' MQF level 3.

43.13.34 Ċirkulari AKL 2022/082 dwar taħriġ finanzjarju għall-membri eletti u għas-segretarju eżekuttiv.

43.13.35 Ċirkulari AKL 2022/083 dwar sigurta' ħdejn l-iskejjel mill- Local Council Association. Il-Kunsillier Horace Mercieca irrimarka l-bżonn li niktbu lil Transport Malta sabiex jkun hemm uffiċċjal ta' TM fil-kantuniera ta bejn Triq il-Qalb ta' Gesu ma triq il-Għajn. Dan biex jiġi kkontrollat it-traffiku u minħabba li s-sena l-oħra naqqsu milli jagħmluha.

43.13.36 Talba mill-Gozo Regional Committee sabiex il-Kunsill jaħtar Kunsillier responsabbli mill-Kultura. Fuq proposta tas-Sindku ġie propost u maħtur il-Kunsillier Jonathon Ċefai li aċċetta din il-kariga.

43.13.37 Irċevejna mill-Cultural Heritage dwar l-Exhibition 'On the Road' li se ssir mit-Tnejn 21ta' Novembru sa Tnejn 5 ta Diċembru. Il-Kunsill jrid jipprovdi post sigur għat-totem display u jrid jkun post li għandu aċċess għad-dawl biex taħdem. Il-membri qablu li għandha ssir fuq il-bejt tal-Kunsill ħdejn il-Monument.

43.13.38 Irċevejna mingħand l-Eco Gozo rigward Palm li se jiġi relokat u qed joffru li jekk il-kunsill jixtieq xi palm minnhom sabiex jinfurmhom sat-2 ta' Settembru 2022.

43.13.39 Is-Segretarja resqet it-talba tas-Segretarju eżekuttiv preċedenti s-Sur Neville Galea għall-ħlas tal-arretrati kif stabbilit mid-dipartiment kif ukoll tal-*performance bonus* li jkopru s-snin 2020 u 2021 u dawn ġew sġjegati. Is-Sindku rrimarka li ma kinitx saret laqgħa mas-Sur Neville Galea dwar il-*performance bonus* tas-sena 2020 u meta s-Sur Galea kien qed jaħdem il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat, is-Sindku kien ġibidlu l-attenzjoni sabiex jagħmel tiegħu wkoll u dan kien wieġeb li tiegħu ser jagħmilhom aktar tard. Is-Sindku semma wkoll li ma huwiex ġust li kien hemm dan id-dewmin u issa jkun is-Sindku li jidher li ma bagħatx lid-dipartiment għall-approvazzjoni tal-*performance bonus* fil-ħin. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitħallas għall-*performance bonus* tas-sena 2021 wara li dan jintbagħat u jiġi approvat mid-Direttur flimkien ma dekjerazzjoni mis-Sindku li tispjega dan id-dewmin. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinżamm laqgħa mas-Sur Galea sabiex jiġi diskuss il-*Performance Bonus* tas-sena 2020.

43.13.40 Is-sindku ppropona li toħroġ l-offerta għal 25 bank sabiex jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Triq John Gaspard le Merchant u Triq Kardinal Alessandro Franchi. Il-bankijiet jridu jkunu made to measure biex n-nies jibqgħu jistgħu jgħaddu minn fuq il-bankina faċilment. Ġie deċiż ali għandhom ikunu magħmulin minn materjal li jiflaħ għax-xemx bħall-PVC u idejalment jipprovdu għal erba min-nies bilqegħda. Il-bankijiet qodma ser jieħu ħsieb li jinqalgħu l-Kunsill.

43.13.41 Ħruġ ta' Offerti għar-Resurfacing ta' Triq il-Għajn. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Perit Saliba stqarr li jkun aħjar jekk il-kunsill jsib Perit ieħor. Is-segretarja għamlet kuntatt miegħu wara li li baqa' ma weġibx żewġ imejls li kienu ntbagħtulu fix-xhur ta' qabel. Is-Sindku ssuġġerixxa li nerġgħu ngħidu lill-Med. Devlopers minħabba li kien ħejja l-offerta preċedenti. Għalhekk għandna nitolbuh li jaġġorna l-prezzijiet tal-BOQ għall-parti tat-Triq minn Pjazza Tomba sa triq il-Kappillan Hili u nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex għal din id-differenza kif ukoll sabiex jagħmel il-biċċa l-oħra tat-triq, minn Triq il-Kappillan Hili sal-knisja parrokkjali. Kien hemm qbil unanimu sabiex nipproċedu dwar dan.

43.13.42 Is-Segretarja spjegat il-bżonn li jinxtara l-programm tas-Sage oriġinali, sistema ta' Accounting system għal-Book keeping tal-Kunsill. Il-membri qablu unanimament li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

43.13.43 Is-Sindku semma li fil-festa ta' Ta' Kerċem waqt il-ħruq tal-logħob tan-nar mill-Għaqda Festa Għajn Tuta fl-inħawi tas-Saqwi qabad nar li ma ġiex mitfi u nħarqu żewġ siġriet tal-ħarrub li għandhom mijiet ta' snin li jinsabu fil-konfini tal-Fontana flimkien ma' siġar u arbuxelli oħra li jestendu sal-konfini tal-Munxar. Il-Kunsill kien informa lill-Għaqda Festa Għajn Tuta f'korrispondenza li għaddiet dwar il-permess sabiex tingħalaq Triq ix-Xlendi fl-okazzjoni ta' din il-festa sabiex jitħarsu s-siġar tal-Ħarrub u l-madwar. Is-Sindku ppreżenta r-ritratti li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokument B li juru s-siġar maħruqin.

**43.14 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**43.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 34/2022 għal perjodu ta' bejn id-29ta' Lulju 2022 u d-29 ta' Awwissu 2022 li tammonta għal €14,301.86 ġiet approvata u ffirmata.

**43.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-6.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2022 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2022.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv